MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Numru. 587/2009

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Ivan Cilia)**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**Vs**

**Simon Pisani**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Simon Pisani, ta’ 42 sena, bin Francis u Therese nee’ Seguna, imwieled l-Belt Valletta fis-26 ta’ Lulju, 1966 u li joqghod 45, Flat 3, Triq San Guzepp, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` numru 303866M, gie akkuzat talli :

F’Novembru u Dicembru 2008 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda :

1. B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b’qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b’ohra sabiex igeghel titwemmen l-ezistneza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamilt qliegh ta’ aktar minn mitejn, tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta’ Christian Fynbo u jew Arbejdernes Landsbank.

2. Talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi ghamilt falsfikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dak l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatt, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

3. Talli fl-istess data, lokalitijiet u cirkostanzi xjentemenet ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

4. Talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset d-deposizzjonijiet tax-xhieda moghtija fuq il-pedana tax-xhieda quddiem il-Qorti;

Semghet it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-prosekuzzjoni addebitat lill-imputat b'erba reati, bil-frodi, bil-falsifikazzjoni, bl-uzu xjenti ta' skrittura falza u bir-ricettazzjoni.

Dan il-kaz kellhu l-bidu tieghu f'rapport li sar nhar il-11 ta' Dicembru 2008 minn Christian Fynbo, ta' nazzjonalita` Daniza, lill-ispettur tal-pulizija Ivan Cilia. Gie allegat fir-rapport illi fis-26 ta' Novembru 2008 l-imsemmi Fynbo pprova juza l-*credit card* tieghu fl-ATM tal-HSBC f'San Giljan, izda jghid li l-ATM gibditlu l-*card*. Minn stharrig ulterjuri irrizulta li l-ATM, in effetti, ma kienetx gibdiltu l-*card*. Meta sussegwentement l-imsemmi Christian Fynbo ra xi *statements* tal-bank tieghu, u ra li kien hemm xi transazzjonijiet li ma kienx ghamilhom huwa, ghamel ir-rapport relattiv imsemmi aktar il-fuq.

Illi in vista ta' dan, il-pulizija ghamlet l-investigazzjonijiet taghha. Bhala provi dokumentarji ressqet xi *statements* (anki jekk bil-lingwa x'aktarx Daniza), kopji ta' rcevuti u *stills* mehuda

minn *footage* ta’ CCTV *camera* tal-HSBC. Ir-rizultanza illi jidher li qanqlet sew l-inklinazzjoni tal-pulizija li tinvestiga u tressaq lill-imputat (u lill-ko-imputat l-iehor Ali Alfred Mouldi, anki jekk fi proceduri separati) kienet propju l-gabra ta` li *stills* li jinsabu *a folio* 68 sa 70. F’erba *stills* (minn sitta) jidher l-imputat ossia persuna, (fost ohrajn), li din il-Qorti tista ragonevolment tikkonkludi li huwa l-imputat odjern. Izda hu pacifiku, minn ezami akkurat tar-rizultanzi proceswali, illi l-prezenza ta` l-imputat f’dawn l-erba *stills*, kemm wehidha, kif wkoll mehuda flimkien u fil-kuntest tal-provi l-ohra kollha, hi tali li ma tistax titqies bhala prova cirkostanzjali idonea skond il-ligi. Fi kliem iehor, bl-assjem tal-provi mressqa minn u, a dispozizzjoni tal-prosekuzzjoni, **il-kaz kontra l-imputat ma jregix.**

Din il-Qorti deherilha illi, wara ezami akkurat tar-rizultanzi processwali u tas-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-**10 ta’ Lulju 2013 fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) Vs Ali Alfred Mouldi”** (per Magistrat Dr Edwina Grima LL.D), ghandha tasal ghall-konkluzzjoni legittima li waslet ghaliha hawn fuq minghajr dewmien u minghajr ma toqghod todhol f’dettal zejjed. Dan ghaliex ukoll, dan l-ezercizzju dettaljat tal-apprezzament tal-provi, ghamlitu b’mod ammirevoli din il-Qorti diversament presjeduta, gia imsemmija. L-apprezzament tal-provi (ilkoll identici ghall-provi mressqa fil-process odjern) u l-enuncjazzjoni tal-ligi, maghmula minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza msemmija tal-10 ta’ Lulju 2013, huma ineccepibbli, u din il-Qorti, a skans ta’ ripetizzjoni, qed taghmel taghha l-istess apprezzament tal-provi u enuncjazzjoni tal-ligi.

Fi kliem din il-Qorti, ma hemm xejn fil-process odjern li fattwalment u legalment jorbot lill-imputat ma` l-erba imputazzjonijet dedotti.

**Konkluzjoni;**

**Ghall-mottivi premessi din il-Qorti issib u tiddikjara lil Simon Pisani mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti u minnhom tilliberah skond il-Ligi**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------